MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1727/2004

**Alliance Unichem (Malta) Limited**

**Vs**

**Simon u Caroline konjugi Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm172.65c (mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) rapprezentanti bejgh ta' merkanzija, liema somma hija dovuta kwantu ghal Lm34.99c (erbgha u tletin lira Maltin u disgha u disghin centezmu) bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 14 t'Awissu 2003, kwantu ghal Lm35.63c (hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) skond fattura datata 12 ta' Settembru 2003, u kwantu ghal Lm102.03c (mija u zewg liri Maltin u tlett centezmi) skond fattura datata 10 t'Ottubru 2003.

Bl-ispejjez ta’ l-Avviz tat-talba u ta’ l-ittra nterpellatorja datata 8 ta’ Marzu 2004 u bl-imghaxijiet mid-dati ta’ hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema’ lil Dr Luigi Sansone jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------